31993R2104

31.7.1993 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 191/1

# IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 2104/93
## tat-22 ta' Lulju 1993
## li jemenda ir-Regolament (KEE) Nru 1382/91 dwar il-preżentazzjoni ta' informazzjoni dwar l-iżbarkar tal-prodotti tal-ħut fl-Istati Membri

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 tat-Trattat,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni (1),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew (2),

Billi, bil-ħolqien ta' l-Arja Ekonomika Ewropea (EEA), l-amministrazzjoni tas-suq tal-prodotti tal-ħut tkun imsaħħa bl-eżistenza ta' statistiċi armonizzati dwar l-iżbarkar tal-prodotti tal-ħut fil-pajjiżi kollha tal-EEA;

Billi, fl-Anness XXI.25 għall-Ftehim dwar l-Arja Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi memberi ta' l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) obbligaw rwieħhom li jippreżentaw lill-Kummissjoni, informazzjoni ta' kull xahar dwar l-iżbarkar tal-prodotti tal-ħut f'dawk il-pajjiżi minn bastimenti tal-Komunità u tal-EFTA u, fuq bażi ottimali, mill-bastimenti ta' pajjiżi terzi, li jibdew l-iktar tard f'Jannar 1995;

Billi il-ħtieġa għal statistika armonizzata teħtieġ li l-informazzjoni ppreżentata mill-Istati Membri tal-Komunità taħt id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 1382/91 (3) għandha tkun estiża biex tinkludi il-preżentazzjoni ta' informazzjoni dwar l-iżbarkar minn bastimenti tal-EFTA u, fuq bażi mhux obbligatorja, mill-bastimenti ta' pajjiżi terzi;

Billi id-*data* addizzjonali meħtieġa tkun b'mod ġenerali diġà miġbura u pproċessata mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri tal-Komunità;

Billi, waqt l-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 1382/91, ħarġu ċerti diskrepanzi żgħar fl-identifikazzjoni tal-prodotti li għalihom ikun hemm bżonn ta' *data* u hemm ix-xewqa li jiġi introdott format armonizzat għall-preżentazzjoni ta' *data* fuq mezzi manjetiċi,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*L-Artikolu 1*

L-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 1382/91 għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

*"L-Artikolu 1*

Kull Stat Membru għandu jippreżenta lill-Kummissjoni *data* dwar il-kwantità u l-prezz medju ta' prodotti tal-ħut mniżżlin 'l art mill-bastimenti tas-sajd tal-Komunità u mill-bastimenti tal-EFTA f'kull xahar tal-kalendarju fit-territorju tiegħu filwaqt li jagħti kas xieraq tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1588/90 tal-11 ta' Ġunju 1990 dwar it-trasmissjoni ta' *data* soġġetta għall-konfidenzjalità ta' l-istatistika lill-Uffiċċju ta' l-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (*).

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, 'l-iżbarkar tal-prodotti tal-ħut' għandu jkun:

— il-prodotti mniżżlin mill-bastimenti tas-sajd u komponenti oħrajn tal-flotta tas-sajd,

— il-prodotti mniżżlin mill-bastimenti ta' l-Istati Membri f'portijiet li mhumiex tal-Komunità u koperti bid-Dokument T2M anness mar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 137/79 (**), u

— il-prodotti ttrasbordati għal fuq bastimenti ta' pajjiżi terzi minn bastimenti tal-ħut tal-Komunità u komponenti oħra tal-flotta tas-sajd tal-Komunità fit-territorju ta' dak l-Istat Membru.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, minbarra fejn ikunu mogħtija derogi skond l-Artikolu 5(4), id-*data* mogħtija għandha tkopri kull ħatt tal-prodotti tal-ħut elenkati fl-Anness I f'dak ix-xahar kalendarju. Iżda, jistgħu jintużaw tekniki ta' teħid ta'

(1) ĠU C 84, tal-25.3.1993, p. 6.
(2) ĠU C 150, tal-31.5.1993.
(3) ĠU L 133, tat-28.5.1991, p. 1.

kampjuni biex jistmaw sa mhux aktar minn 10 % bil-piż tal-prodotti tal-ħut żbarkati f'dak ix-xahar. Dawn it-tekniki ta' teħid ta' kampjuni għandhom jiġu rrapportati taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 5(1) u 5(2).

(*) ĠU L 151, tal-15.6.1990, p. 1.
(**) ĠU L 20, tas-27.1.1979, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3399/91 (ĠU L 320, tat-22.11.1991, p. 19)."

*L-Artikolu 2*

L-Artikolu 4 tar-Regolament (KEE) Nru 1382/91 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

*"L-Artikolu 4*

1. L-Istati Membri għandhom jissodisfaw l-obbligi tagħhom lejn il-Kummissjoni skond l-Artikoli 1 u 2 billi jippreżentaw id-*data* fuq mezzi manjetiċi, li l-format tagħhom huwa mogħti fl-Anness IV.

2. Fejn l-Istati Membri ikollhom diffikultà fil-preżentazzjoni ta' l-informazzjoni fuq mezz manjetiku, id-*data* għandha tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni fil-forma murija fl-Anness III."

*L-Artikolu 3*

L-Annessi I, II u III tar-Regolament (KEE) Nru 1382/91 għandhom jiġu mibdula bl-Annessi li jidhru fl-Anness A ta' dan ir-Regolament.

L-Anness IV li jidher fl-Anness B ta' dan ir-Regolament għandu jiġi miżjud mar-Regolament (KEE) Nru 1382/91.

*L-Artikolu 4*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu jidħol fis-seħħ b'effett mill-1 ta' Jannar 1994.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-22 ta' Lulju 1993.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. OFFECIERS-VAN DE WIELE

*L-ANNESS A*

*"L-ANNESS I*

**LISTA TA' PRODOTTI TAL-ĦUT LI GĦALIHOM TINĦTIEĠ IL-PREŻENTAZZJONI TAD-*DATA***

| Kodiċi | Speċi | Preżentazzjoni |
|---|---|---|
| CDZ | Bakkaljaw (*Gadus morhua, Boreogadus saida, Gadus ogac*) | Frisk sħiħ<br>Frisk imnaddaf<br>Iffriżat mhux imqatta<br>*Fillets* iffriżati<br>Immellaħ |
| HAD | Balottra tal-baħar (*Melanogrammus aeglefinus*) | Friska sħiħa<br>Friska imnaddfa<br>Iffriżata mhux imqatta<br>*Fillets* iffriżati |
| POK | Lipp (*Coalfish*) (*Pollachius virens*) | Frisk Sħiħ<br>Frisk imnaddaf<br>Iffriżat mhux imqatta<br>*Fillets* iffriżati |
| HKE | Merluzz (*Merluccius* spp.) | Frisk sħiħ<br>Frisk imnaddaf<br>Iffriżat sħiħ<br>Iffriżat, imnaddaf u bir-ras maqtugħa<br>*Fillets* iffriżati<br>Iffriżat, ieħor |
| WHG | Merlangu (*Merlangius merlangus*) | Frisk sħiħ<br>Frisk imnaddaf<br>Iffriżat sħiħ<br>*Fillets* iffriżati |
| LNZ | Linarda (*Molva* spp.) | Friska sħiħa<br>Imnaddfa friska<br>Iffriżata sħiħa<br>*Fillets* iffriżati |
| POL | Pollakkju (*Pollachius pollachius*) | Frisk sħiħ<br>Frisk imnaddaf<br>Iffriżat sħiħ<br>*Fillets* iffriżati |
| BIB | *Pouting* (*Trisopterus luscus*) | Frisk |
| NOP | *Pouting* tan-Norveġja *(Trisopterus esmarkii*) | Frisk |
| WHB | Merlangu blu (*Micromesistius poutassou*) | Frisk |
| PLE | Barbun tat-tbajja' (*Pleuronketes platessa*) | Frisk sħiħ<br>Frisk imnaddaf<br>Iffriżat sħiħ<br>*Fillets* iffriżati |
| SOL | Lingwata (*Solea vulgaris*) | Friska sħiħa<br>Imnaddfa friska<br>Iffriżata sħiħa<br>*Fillets* iffriżati |
| MEG | *Megrim* (*Lepidorhombus* spp.) | Frisk<br>Iffriżat sħiħ |
| DAB | Barbun (*Limanda limanda*) | Frisk<br>Iffriżat |
| LEM | Lingwata (*Lemon sole*) (*Microstomus kitt*) | Friska<br>Iffriżata |

| Kodiċi | Speċi | Preżentazzjoni |
|---|---|---|
| RED | Balottra (*Sebastes* spp.) | Friska<br>Iffriżata sħiħa<br>*Fillets* iffriżati |
| MNZ | Xkatlu (*Lophius* spp.) | Frisk sħiħ<br>Dnub friski<br>Dnub iffriżati |
| BOZ | Vopi (*Boops* spp.) | Friski<br>Iffriżati |
| PIC | *Picarel* (*Spicara* (= *Maena*) spp.) | Frisk<br>Iffriżat |
| CGZ | *Morina conger* (*Conger* spp.) | Friska<br>Iffriżata |
| GUX | Tiġieġa tal-baħar (*Triglidae*) | Friska<br>Iffriżata |
| MUL | *Mulett* (*Mugilidae*) | Frisk<br>Iffriżat |
| HER | Aringa (*Clupea harengus*) | Friska<br>Iffriżata sħiħa<br>*Fillets* iffriżati |
| PIL | Sardin (*Sardina pilchardus*) | Frisk<br>Iffriżat |
| ANE | Inċova (*Engraulis* spp.) | Friska<br>Iffriżata |
| SPR | *Sprat* (*Sprattus sprattus*) | Frisk |
| ALB | Alonga (*Thunnus alalunga*) | Friska<br>Iffriżata |
| YFT | Tonn tal-pinna safra (*Thunnus albacares*) | Frisk<br>Iffriżat |
| SKJ | Tonn qabbieżi/palamit (*Katsuwonus pelamis*) | Frisk<br>Iffriżat |
| BET | Kubrita (*Thunnus obesus*) | Friska<br>Iffriżata |
| BFT | Tonn tal-pinna blu (*Thunnus thynnus*) | Fresh<br>Iffriżat |
| SWO | Buxiħ blu (*Xiphius gladius*) | Frisk<br>Iffriżat |
| TUN | Tonn ieħor (*Thunnini*) | Frisk<br>Iffriżat |
| MAC | Kavalli (*Scomber scombrus*) | Friski<br>Iffriżati |
| MAZ | Kavalli oħra (*Scomber japonicus, Scomber australasicus*) | Friski<br>Iffriżati |
| JAX | Sawrella ta' għajnejha kbar (*Trachurus* spp.) | Friska<br>Iffriżata |
| SRX | *Skate* u Raja (*Rajiformas*) | Friska<br>Iffriżata |
| DGZ | Pixxiplamtu (*Squalus acanthias, Scyliorhinus* spp.) | Frisk<br>Iffriżat |
| NEP | Langustura tan-Norveġja *(Nephrops norvegicus*) | Friska sħiħa<br>Dnub friski<br>Dnub iffriżati |
| CNZ | Gambli (*Crangon* spp.) | Frisk<br>Iffriżati |

| Kodiċi | Speċi | Preżentazzjoni |
|---|---|---|
| PDZ | Gambli (*Pandalidae*) | Friski<br>Iffriżati |
| CRE | Granċ ta' l-ikel (*Cancer pagurus*) | Frisk<br>Iffriżat |
| CRS | *Swimcrab* (*Portunus* spp.) | Frisk |
| LBE | Langostura Ewropea (*Homarus gammarus*) | Friska<br>Dnub iffriżati |
| SCE | Molluski komuni (*Pekten maximus*) | Frisk |
| SQC | Klamar komuni *(Loligo* spp .) | Frisk<br>Iffriżat, imnaddaf<br>Iffriżat, mhux imnaddaf |
| SQX | Klamari tal-pinna qasira (*Todarodes saggittatus, Illex* spp.) | Frisk<br>Iffriżat, imnaddaf<br>Iffriżat, mhux imnaddaf |
| OMZ | Klamar (ieħor) (*Omnastrephidae*) | Frisk<br>Iffriżat, imnaddaf<br>Iffriżat, mhux imnaddaf |
| OCZ | Qarnit *(Qarnit* spp.) | Frisk<br>Iffriżat |
| CTL | Siċċ (*Sepia officinalis, Rossia macrosoma, Sepiola rondeleti*) | Frisk<br>Iffriżat |
| FIN | Ħut ieħor | Frisk<br>Iffriżat |
| CRU | Krostaċeji oħra | Friski<br>Iffriżati |
| MOL | Molluski oħra | Friski<br>Iffriżati |

*L-ANNESS II*

**DEFINIZZJONIJIET BIEX JINTUŻAW FIL-PREŻENTAZZJONI TA' *DATA* DWAR IL-ĦATT TA' PRODOTTI TAL-ĦUT**

**Unitajiet**

Piż: Il-piż irreġistrat għandu jkun il-piż tal-prodott kif żbarkat.

Il-piż għandu jiġi irreġistrat f'tunnellati b'post deċimali wieħed.

Prezz medju: Il-prezz medju għandu jitniżżel fil-munità nazzjonali għal kull tunnellata. Għall-prodotti li ma jinbiegħux mill-ewwel, il-prezz medju għandu jkun stmat, billi jintuża metodu xieraq.

**Destinazzjoni**

Konsum mill-bniedem: Inklużi hawnhekk hawn il-prodotti kollha li jinbiegħu għall-ewwel bejgħ għall-konsum mill-bniedem jew li jiġu żbarkati taħt kuntratt jew ftehim ieħor għall-konsum mill-bniedem. Esklużi huma kwantitajiet destinati għall-konsum mill-bniedem li għalihom, fil-mument ta' l-ewwel bejgħ, minħabba l-kondizzjonijiet tas-suq, ir-regolamenti ta' iġjene jew raġunijiet simili, jiġu rtirati mis-suq għall-konsum mill-bniedem.

Użu industrijali: Inklużi hawnhekk hawn il-prodotti kollha żbarkati speċifikament sabiex jinħadmu f'ikel u żejt jew għall-konsum mill-annimali kif ukoll kwantitajiet li, għalkemm oriġinalment ikunu destinati għall-konsum mill-bniedem, ma jinbiegħux għal din ir-raġuni fl-ewwel bejgħ.

**Preżentazzjoni**

*Fillets* tirreferi għall-biċċiet tal-laħam maqtugħin b'mod parallel max-xewka tal-ħuta u li jkunu jikkonsistu fin-naħa tal-lemin jew tax-xellug tal-ħuta, dejjem jekk ir-ras, l-imsaren, il-pinna (ix-xewka tad-dahar, il-biċċa ta' wara id-denb, tal-ġenb, u ta' quddiem) u x-xewk (x-xewka tad-dahar jew xewk kbir, fil-ġenb jew kostali, tal-ġenb eċċ.) ikunu ġew imneħħija u ż-żewġ naħat ma jkunux magħqudin, per eżempju mad-dahar jew ma' l-istonku.

Ħut sħiħ jirreferi għal ħut mhux imnaddaf.

Imnaddaf tirreferi għal klamar fejn is-swaba', ir-ras u l-organi interni jiġu mneħħija minn mal-ġisem.

Ħut iffriżat huwa ħut li jkun iffriżat b'mod illi tiġi ppriservata il-kwalità inerenti tal-ħut billi it-temperatura medja tiġi mnaqqsa għal - 18° C jew inqas u li mbagħad jiġi miżmum f'temperatura ta' - 18° C jew inqas.

Ħut frisk huwa ħut li ma jkunx ġie ppreservat, ikkurat, iffriżat jew ittrattat b'mod ieħor ħlief li jkun ġie mkessaħ. B'mod ġenerali jiġu ppreżentati sħaħ jew bl-imsaren.

Ħut immellaħ huwa ħut li ħafna drabi jkun mingħajr l-imsaren u r-ras, li jiġi ppriservat fil-melħ jew fis-salmura.

**Nazzjonalità u kopertura**

Id-*data* għandha tinkludi il-prodotti kollha żbarkati mill-bastimenti tal-ħut tal-Komunità u tal-EFTA fil-portijiet ta' l-Istat Membru li jkun qiegħed jirraporta. L-Istat Membru li jkun qiegħed jirraporta m'għandux bżonn, taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, li jirraporta id-dħul tal-bastimenti tiegħu fil-portijiet għajr il-portijiet nazzjonali.

Id-*data* għandha tinkludi prodotti mniżżlin 'l art fit-territorju ta' l-Istat Membru u koperti bid-dokument T2M li hemm riferenza għalih fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 137/79. Għandhom ikunu Inklużi wkoll il-prodotti trasbordati fuq bastimenti ta' pajjiżi terzi mill-bastimenti tas-sajd tal-Komunità u tal-EFTA u komponenti oħrajn tal-flotta tas-sajd tal-Komunità u tal-EFTA li jkunu mniżżlin 'l art fit-territorju ta' dak l-Istat Membru.

Bastimenti tal-Komunità huma bastimenti li jtajru il-bandiera ta', jew li jkunu rreġistrati fi Stat Membru tal-Komunità.

Bastimenti tal-EFTA huma bastimenti li jtajru l-bandiera ta', jew li jkunu rreġistrati f'pajjiż membru tal-EFTA.

Bastimenti ta' pajjiżi terzi huma bastimenti li jtajru l-bandiera ta' jew ikunu rreġistrati f'pajjiż ieħor għajr dawk il-pajjiżi membri tal-Komunità jew tal-EFTA.

*L-ANNESS III*

**FORMAT GĦALL-PREŻENTAZZJONI TA' *DATA* SKOND L-ARTIKOLU 1**

**STATISTIKA TA' L-IŻBARKAR**

Żbarkar għax-xahar ta' 19 ..... Pajjiż .....

| Speċi | Dgħajjes tal-Komunità | | Dgħajjes mill-EFTA | | Dgħajjes minn pajjiżi oħra (1) | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Kwantità | Prezz | Kwantità | Prezz | Kwantità | Prezz |
| **Għall-konsum mill-bniedem:** | | | | | | |
| Bakkaljaw (CDZ) | | | | | | |
| Frisk sħiħ | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Frisk imnaddaf | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Iffriżat mhux imqatta' | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Fillets iffriżati | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Bakkaljaw immellaħ (HAD) | | | | | | |
| Frisk sħiħ | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Frisk imnaddaf | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Iffriżat mhux imqatta' | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Fillets iffriżati | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Lipp (POK) | | | | | | |
| Frisk sħiħ | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Frisk imnaddaf | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Iffriżat mhux imqatta' | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Fillets iffriżati | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Marlozz (HKE) | | | | | | |
| Frisk sħiħ | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Frisk imnaddaf | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Iffriżat sħiħ | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Fillets iffriżati | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Iffriżat imnaddaf u ffriżat bir-ras maqtugħa, | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Iffriżati oħra | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Merlangu (WHG) | | | | | | |
| Frisk sħiħ | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Frisk imnaddaf | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Iffriżat mhux imqatta' | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Fillets iffriżati | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Linarda (LNZ) | | | | | | |
| Frisk sħiħa | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Frisk imnaddaf | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Iffriżat mhux imqatta' | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Fillets iffriżati | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Pollakkju (POL) | | | | | | |
| Frisk sħiħa | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Frisk imnaddaf | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Iffriżat mhux imqatta' | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Fillets iffriżati | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Barbun tat-tbajja' (PLE) | | | | | | |
| Frisk sħiħ | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Frisk imnaddaf | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Iffriżat mhux imqatta' | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Fillets iffriżati | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |

(1) Mhux obbligatorju.

"

| Speċi | Dgħajjes tal-Komunità | | Dgħajjes mill-EFTA | | Dgħajjes minn pajjiżi oħra (1) | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Kwantità | Prezz | Kwantità | Prezz | Kwantità | Prezz |
| Lingwata (SOL) | | | | | | |
| Friska Sħiħa | | | | | | |
| Friska imnaddfa | | | | | | |
| Iffriżata sħiħa | | | | | | |
| Fillets iffriżati | | | | | | |
| Megrim (MEG) | | | | | | |
| Frisk | | | | | | |
| Iffriżat | | | | | | |
| Barbun (DAB) | | | | | | |
| Frisk | | | | | | |
| Iffriżat | | | | | | |
| Lingwata (Lemon sole) (LEM) | | | | | | |
| Friska | | | | | | |
| Iffriżata | | | | | | |
| Balottra (RED) | | | | | | |
| Friska | | | | | | |
| Iffriżata sħiħa | | | | | | |
| Fillets iffriżati | | | | | | |
| Xkatlu (MNZ) | | | | | | |
| Friska sħiħ | | | | | | |
| Dnub friski | | | | | | |
| Dnub iffriżati | | | | | | |
| Vopa (BOZ) | | | | | | |
| Friska | | | | | | |
| Iffriżata | | | | | | |
| Picarel (PIC) | | | | | | |
| Frisk | | | | | | |
| Iffriżat | | | | | | |
| Morina conger (CGZ) | | | | | | |
| Friska | | | | | | |
| Iffriżata | | | | | | |
| Tiġieġa tal-baħar (GUX) | | | | | | |
| Friska | | | | | | |
| Iffriżat | | | | | | |
| Mulett (MUL) | | | | | | |
| Frisk | | | | | | |
| Iffriżat | | | | | | |
| Aringa (HER) | | | | | | |
| Friska | | | | | | |
| Iffriżata sħiħa | | | | | | |
| Fillets iffriżati | | | | | | |
| Sardin (PIL) | | | | | | |
| Frisk | | | | | | |
| Iffriżat | | | | | | |
| Inċova (ANE) | | | | | | |
| Friska | | | | | | |
| Iffriżata | | | | | | |

(1) Mhux obbligatorju.

| Speċi | Dgħajjes tal-Komunità | | Dgħajjes mill-EFTA | | Dgħajjes minn pajjiżi oħra (1) | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Kwantità | Prezz | Kwantità | Prezz | Kwantità | Prezz |
| Alonga (ALB) | | | | | | |
| Friska | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Iffriżata | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Tonn tal-pinna safra (YFT) | | | | | | |
| Frisk | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Iffriżat | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Tonn Qabbieżi/Palamit (SKJ) | | | | | | |
| Frisk | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Iffriżat | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Kubrita (BET) | | | | | | |
| Friska | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Iffriżata | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Tonn tal-pinna blu (BFT) | | | | | | |
| Frisk | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Iffriżat | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Buxiħ blu (SWO) | | | | | | |
| Frisk | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Iffriżat | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Tonn ieħor (TUN) | | | | | | |
| Frisk | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Iffriżat | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Kavall (MAC) | | | | | | |
| Frisk | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Iffriżat | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Kavalli oħra (MAZ) | | | | | | |
| Frisk | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Iffriżat | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Sawrella ta' għajnejha kbar (JAX) | | | | | | |
| Friska | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Iffriżata | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Raja (SRX) | | | | | | |
| Friska | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Iffriżata | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Pixxiplamtu (DGZ) | | | | | | |
| Frisk | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Iffriżat | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Langostura tan-Norveġja (NEP) | | | | | | |
| Frisk Shih | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Dnub friski | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Dnub iffriżati | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Shrimps (CNZ) | | | | | | |
| Frisk | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Iffriżat | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Gambli (PDZ) | | | | | | |
| Frisk | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Iffriżat | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Granċ ta' l-ikel (CRE) | | | | | | |
| Frisk | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Iffriżat | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |

(1) Mhux obbligatorju.

| Speċi | Dgħajjes tal-Komunità | | Dgħajjes mill-EFTA | | Dgħajjes minn pajjiżi oħra | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Kwantità | Prezz | Kwantità | Prezz | Kwantità | Prezz |
| Swimcrab (CRS) | | | | | | |
| Frisk | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Langostura Ewropea (LBE) | | | | | | |
| Friska | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Dnub iffriżati | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Molluski komuni (SCE) | | | | | | |
| Frisk | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Klamar komuni (SQC) | | | | | | |
| Frisk | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Iffriżat imnaddaf | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Iffriżat mhux imnaddaf | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Klamar tal-pinna qasira (SQX) | | | | | | |
| Frisk | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Iffriżat imnaddaf | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Iffriżat mhux imnaddaf | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Klamar (ieħor) (OMZ) | | | | | | |
| Frisk | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Iffriżat imnaddaf | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Iffriżat mhux imnaddaf | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Qarnit (OCZ) | | | | | | |
| Frisk | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Iffriżat | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Siċċ (CTL) | | | | | | |
| Frisk | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Iffriżat | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Ħut ieħor (FIN) | | | | | | |
| Friski | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Iffriżati | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Molluski oħra (MOL) | | | | | | |
| Friski | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Iffriżati | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Krostaċeji oħra (CRU) | | | | | | |
| Frisk | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Iffriżat | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| **Għall-użu industriali:** | | | | | | |
| Bakkaljaw (CDZ) | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Bakkaljaw immellaħ (HAD) | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Lipp (POK) | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Merlangu (WHG) | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Pouting (BIB) | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Pout tan-Norveġja (NOP) | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Merlangu blu (WHB) | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Aringa (HER) | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Sprat (SPA) | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |
| Speċi oħra | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... | ..... |

(1) Mhux obbligatorju.

*L-ANNESS B*

*"L-ANNESS IV*

**FORMAT GĦALL-PREŻENTAZZJONI TAD-DATA FUQ MEZZI MANJETIĊI**

1. **MEZZI MANJETIĊI**

*Tapes* tal-kompjuter: B'disa' *tracks* b'densità ta' 1 600 jew 6 250 BPI u EDCDIC jew ASCII *coding*, preferibbilment ittikkettjat. Jekk ittikkettjata, il-kodiċi fl-aħħar tal-fajl għandha tkun inkluża.

*Floppy discs*: MS-DOS *formatted* 3,5″ Prim; 720 Kbyte jew 1,4 Mbyte jew 5,25 & diski Prim; 360 Kbyte jew 1,2 Mbyte.

2. **Format tal-*coding***

| Nru ta' Bytes | Oġġett | Rimarki |
|---|---|---|
| 1 sa 4 | Pajjiż | Kodiċi ISO 3-alpha (e.ż. FRA — Franza) |
| 5 sa 6 | Sena | Eżempju: 94 = 1994 |
| 7 sa 8 | Xahar | Eżempju: 01 = Jannar |
| 9 sa 11 | Speċi | Identifikatur 3-alpha (e.ż. CDZ — bakkaljaw) |
| 12 sa 13 | Preżentazzjoni | Ara l-lista tal-kodiċi taħt |
| 14 | Destinazzjoni | Ara lista tal-kodiċi taħt |
| 15 sa 25 | Kwantità | Tunnellati b'deċimu wieħed |
| 26 sa 36 | Prezz medju | Flus nazzjonali/tunnellata |
| 37 | Kodiċi ta' Nazzjonalità | Ara n-nota ta' taħt |

*Notes*

(a) Kull *field* numerika għandha tkun aġġustjata għal-lemin bi spazji vojta fuq quddiem. Kull *field* alfa-numerika għandha tkun aġġustata għax xellug bi spazji vojta fuq wara.

(b) Il-piż irreġistrat għandu jkun il-piż imiżżel 'l art.

(ċ) Kwantitajiet ta' inqas minn 50 kg għandhom jiġu rreġistarti bħala '0 0'.

3. **Listi tal-kodiċi**

*(a)* Kodiċi ta' preżentazzjoni

| | |
|---|---|
| Frisk | 10 |
| Frisk sħiħ | 11 |
| Frisk imnaddaf | 12 |
| Dnub friski | 13 |
| Frisk, imnaddaf u bir-ras maqtugħa | 16 |
| Frisk, ieħor | 19 |
| Iffriżat | 20 |
| Iffriżat sħiħ | 21 |
| Iffriżat imnaddaf | 22 |
| Dnub iffriżati | 23 |
| Iffriżat mhux maqtugħ f'*fillets* | 25 |
| Iffriżat imnaddaf u bir-ras maqtugħa | 26 |
| Iffriżat nadif | 27 |
| Iffriżat, mhux nadif | 28 |
| Iffriżat, ieħor | 29 |
| Immellaħ | 30 |
| Iffumigat | 40 |
| Imsajjar | 50 |
| Imsajjar, iffriżat u ppakkjat | 60 |

*(b)* Il-Kodiċi ta' Destinazzjoni

| | |
|---|---|
| Il-konsum tal-bnedmin | 1 |
| L-utilitajiet industrijali | 2 |
| L-utilitajiet mhux magħrufa | 9 |

*(ċ)* Il-kodiċi tan-Nazzjonalità

| | |
|---|---|
| Bastimenti tal-KEE | 1 |
| Bastimenti tal-EFTA | 2 |
| Bastimenti ta' pajjiżi terzi | 3" |